# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Mejju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 23/95G1(PC)

**Emanuel Cutajar .**

**Vs**

**Graham John Thomas Allman u martu Theresa Allman .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara illi ppremetta :**

**Illi bi skrittura privata minn Nutar Paul G. Pisani tal-ewwel (1) ta' Ottubru elf disa' mija u disghin (1990) – Dokument A – il-konvenuti krew minghand l-attur il-hanut maghruf bl-isem "Footstep Snack Bar" (sussegwentement maghruf bl-isem "Panhandle Bar & Restaurant") numru sittin (60) fi Triq Marina, Marsalforn limiti, Zebbug, Ghawdex, ghal perjodu ta' hames snin "di fermo" u tlett snin "di rispetto" u bil-kundizzjoni fost ohrajn li matul id-dekors tal-kirja u cioe' sakemm il-konvenuti rrilaxxaw il-fond lura f'idejn l-attur, huma jkunu responsabbli li jhallsu l-kontijiet kollha ghal konsum tas-servizzi tad-dawl, ilma, u telephone .**

**Illi bi skrittura tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru, elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), l-konvenuti rrilaxxaw il-fond lura f'idejn l-attur u giet itterminata l-lokazzjoni tal-fond fil-konfront taghhom b'effett mill-ewwel (1) ta' dicembru 1994 .**

**Illi ricentement l-attur ircieva kont minghand il-korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma tal-konsum ta' dawl u ilma fl-imsemmi fond ghall-perjodu bejn il-5 ta' Awissu u t-tnejn (2) ta' Dicembru 1994, ammontanti ghal elfejn tmien mija u sebghin lira maltin, erbgha centezmi u zewg millezmi (LM2,870.04,2) – Dokument B .**

**Illi l-attur meta avvicina lill-konvenuti dwar dan il-kont, kull darba b'xi skuza jew ohra skartaw li jiltaqghu mieghu tant li l-attur gieh suspett li l-konvenuti setghu jiskartaw l-obbligazzjoni taghhom li jhallsu dan il-kont u ghalhekk htieglu jistitwixxi quddiem din il-Qorti immedjatament kontra taghhom mandat ta' sekwestru u mandat ta' impediment tas-safar (42/1995 u 43/1995 rispettivament) sabiex iqieghed fi zgur il-jeddijiet tieghu .**

**Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Tiddikjara lilhom responsabbli ghall-hlas mitlub lill-attur mill-Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma u cioe' s-somma ta' elfejn tmien mija u sebghin lira maltin, erba' centezmi u zewg millezmi (LM2870.04,2) ghal konsum ta' dawl elettriku u ilma fil-fond 60, Marina Street, Marsalforn, ghal perjodu bejn il-hamsa ta' Awissu, elf disa' mija u erbgha u disghin (5.8.94), sat-tnejn ta' Dicembru, elf disa' mija erbgha u disghin (2.12.94), meta l-hanut kien fil-pussess u wzat mill-konvenuti innifishom ;**

2. **Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-imsemmi pagament ta' elfejn, tmien mija u sebghin lira maltin, erba' cerntezmi u zewg millezmi (LM2.870.04,2) li huwa qieghed jigi mitlub ihallas mill-Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-ilma ghar-ragunijiet gia imsemmija .**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta' Impediment tas-safar numru 43/1995, u mandat ta' Sekwestru numru 42/1995 mahruga kontra l-konvenuti fit-3 ta' Frar 1995 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni debitament imharrka .**

**Bl-imghax legali sal-effettiv pagament .**

**Rat id-dikjarazzjoni da parti ta' l-attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .**

**Rat ukoll id-dokukenti annessi ma' l-istess citazzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut, illi ggib id-data tas-17 ta' Frar, 1995 . Innutat illi l-istess konvenut minkejja li gie debitament notifikat b'din ic-citazzjoni, baqa' kontumaci .**

**Rat in-nota ta' l-attur ipprezentata llum stess, fejn irriduca t-talba ghas-somma ta' tmenin lira, peress illi sar pagament fil-mori tal-kawza .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici kif ridotti huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet, u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmenin lira maltija, bhala bilanc minn somma akbar minnu dovuta lill-attur, bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-istess konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S2395Pc
629